IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

4 ta' Novembru 2014
122/2014

## IL-ĦIDMA TAL-KNISJA MAL-PERSUNI BIL-BŻONN

Sitt entitajiet tal-Knisja bbenefikaw minn total ta' €51,955 li nġabru fis-70 parroċċa ta' Malta f'Jum il-Karità, fl-4 ta' Mejju li għadda. Dawn id-donazzjonijiet ġew ippreżentati llum, it-Tlieta 4 ta' Novembru 2014, mill-Isqof Charles J. Scicluna, Amministratur Appostoliku sede vacante, waqt laqgħa li saret fil-Kurja tal-Arċisqof.

Din l-offerta tal-poplu Nisrani ser tgħin lil dawk l-entitajiet tal-Knisja li jaħdmu ma' persuni fil-bżonn, fosthom it-tfal, l-anżjani, il-familji, il-persuni b'dizabilità u r-refugjati. L-entitajiet li bbenefikaw mid-donazzjonijiet huma:

- Il-Kummissjoni Uffiċċju Ċentrali "Ejjew Għandi" li hija responsabbli mid-Djar tat-Tfal.
- Is-Segretarjat Assistenza Soċjali li joffri għajnuna lill-familji fil-bżonn u lill-anżjani fil-parroċċi.
- Caritas Malta.
- Id-Djar għall-persuni b'diżabilità.
- Id-Djar għall-anzjani.
- Il-Kummissjoni Emigranti (Sezzjoni Refuġjati).

Matul il-preżentazzjoni tad-donazzjonijiet lill-uffiċjali responsabbli mill-ħidma ta' dawn l-entitajiet, l-Isqof Charles Scicluna rringrazzja lill-poplu Malti tal-ġenerożità tiegħu. Qal li l-għotjiet ta' karità joffru opportunità lill-Insara biex jpoġġu fil-prattika l-Evanġelju, filwaqt li jitfgħu responsabbilità fuq il-mod ta' kif jintużaw dawn il-flus. L-Isqof Scicluna rringrazzja wkoll lil dawk li jaħdmu mal-persuni fil-bżonn, għax permezz tagħhom il-Knisja twettaq l-opri ta' karità b'risq dawk kollha fis-soċjetà li huma fil-bżonn.